**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**

**Spettur Robert Vella**

**vs**

**Mariella Debono**

**Distrett Hamrun**

**Illum 1 ta' Dicembru, 2020**

Il-Qorti,

Rat lil Mariella Debono, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 94958M.

Akkuzata talli matul il-perjodu li jkopri bejn ix-xahar ta' Ottubru 2014 sal-ahhar tax-xahar ta' Marzu 2015, f'diversi granet u hinijiet gewwa dawn il-Gzejjer Maltin u b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe' talli:

1. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika (a) heddedt li ser tghamel xi reat; (b) bil-hsieb li tiehu xi flus jew xi haga ohra, jew biex taghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li ggieghel lil haddiehor biex jaghmel jew jonqos milli

jaghmel xi haga, heddedt li takkuza jew li taghmel ilment kontrih, jew immalafamat lil dik il-persuna jew xi persuna ohra; (c) ghamlet uzu mhux xieraq bih, u dan bi ksur tal-Artikolu 49 tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli gabet ruhha b'mod li tat fastidju lil Alison Gomez Blanco u Giordie Debono u b'mod li kienet jaf jew messha kienet taf li dan kien ta' fastidju ghal din il-persuna, u dan bi ksur tal-Artikolu 251A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli bl-imgieba taghha kkagunat lil haddiehor u cioe' lil Alison Gomez Blanco u Giordie Debono biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendent, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 221(1), u dan bi ksur tal-Artikolu 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza u cioe' ta' Alison Gomez Blanco u Giordie Debono, jew ghaz-zamma tal-ordni pubbliku jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari taghha minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skont l-Artikolu 412C tal-Kap 9 u f'kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza u l-familja taghha ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 412C u 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioè affidavit ta' WPC 206 Marica Galea, dokument mahrug mill-GO, okkorrenza datata 6 t'Ottubru, 2014 immarkat bhala Dok RV2, dokument immarkat bhala Dok RV3, email immarkat bhala Dok RV4, dokument mahrug mill-Melita mmarkat bhala Dok RV5, dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali mmarkat bhala Dok RV6, stqarrija mmarkata bhala Dok RV7, email immarkat bhala Dok RV8, okkorrenza datata 6 t'Ottubru, 2014 immarkata bhala Dok RV9, email immarkata bhala Dok RV10, dokumenti mmarkati bhala Dok RV11, dokument mahrug mill-Melita mmarkat bhala Dok AA1, certifikat mahrug minn Dr. Jean-Pierre Giorgio, okkorrenza datata 6 t'Ottubru, 2014 immarkata bhala Dok SM1, ritratti, booking form immarkata bhala Dok MD1, garanzija mmarkata bhala Dok MD2, brochure mmarkat bhala Dok MD3, email immarkat bhala Dok MD4, okkorrenza datata 17 ta' Mejju, 2014

immarkata bhala Dok MD5, 2 ritratti mmarkati bhala Dok MD6, zewg brochures immarkati bhala Dok MD7 u Dok MD8, booking order immarkata bhala Dok PA1, booking form immarkata bhala Dok PA2, u email immarkata bhala Dok PA3.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' Dr. Jean-Pierre Giorgio, Spt Robert Vella, Geordie Debono, Alison Gomez Blanco, WPS 224 Suzanne Mifsud, Anthony Bonnici, Emily Abela u Marisa Gauci.

Semghet ix-xhieda volontarja ta' Mariella Debono fil-prezenza tal-Avukat difensur taghha.

**WPC 206 Marica Galea** tispjega li fil-21 t'Awwissu, 2015 ghal habta ta' 12:30 hrs, Alison Gomez Blanco Camilleri marret l-Ghassa tal-Hamrun sabiex taggorna r-rapport li kienet ghamlet dwar messaggi u telefonati li kienet qed tircievi fuq il-mobile taghha. Is-sinjura Gomez Blanco Camilleri tghid li rceviet messaggi fid-9 ta' Novembru, 2014, fit-23 ta' Novembru, 2014, fl-14 ta' novembru, 2014, fil-25 ta' Dicembru, 2014, u fl-1 ta' Jannar, 2015 fejn hasset li l-persuna li kienet qed tibghatilha dawn il-messaggi, kienet qed issegwi l-passi taghha u ta' bintha Eliana. WPC 206 Marica Galea rat dawn il-messaggi hi stess minn fuq il-mobile tas-sinjura Gomez Blanco Camilleri u ghaddiet dan il-kaz lill-Ispettur Robert Vella.

**Dr. Jean-Pierre Giorgio** jikkonferma li Mariella Debono ilha pazjenta tieghu sa mis-sena 2016. Jispjega li fit-12 ta' Dicembru 2016 kellha seduta fil-Qorti u tant waqghet hazin, li ppruvat tnehhi hajjitha b'idejha. Dr. Giorgio jispjega li avolja kien hemm diversi attentati ohra, dan l-incident kien wiehed iktar serju. Fit-13 ta' Jannar, huwa rrilaxxja lill-Mariella Debono mis-pyschiatric unit izda peress li Mariella Debono kien se jkollha seduta ohra fil-Qorti, fil-vicin, Dr. Jean-Pierre Giorgio hareg certifikat mediku.

**Spettur Robert Vella** jispjega illi fis-6 t'Ottubru, 2014, Alison Gomez Blanco flimkien ma Geordie Deboo marru l-Ghassa tal-Hamrun sabiex jirraportaw li kienu qed jircievu telefonati kif ukoll messaggi fuq il-mobiles taghhom. Alison Gomez Blanco ghaddiet in-numru tal-mobile li minnu kienet qed tircievi telefonati u messaggi u l-Ispettur Robert Vella ghamel request sabiex jigi mghoddi l-informazzjoni ta' fuq min kien irregistrat dak in-numru. Il-GO mobile kkomunikaw mal-Ispettur Robert Vella li dan in-numru ma kienx registrat. L-Ispettur Robert Vella ghamel request ohra, sabiex jigi ndikat lilu

jekk dan in-numru qattx intuza f'xi emails, u eventwalment, il-Melita kkomunikaw mieghu fejn infurmawh li dan in-numru kien jghajjat lil Mariella Pace Axiak. Fit-30 ta' Gunju, 2015 Mariella Pace Axiak giet mitkellma mill-Ispettur Robert Vella u l-istess Mariella Pace Axiak baqghet tinnega li ghamlet dawk l-affarijiet, anke meta giet rinfaccjata bid-dokumenti li ndikaw li dak in-numru li kien qed jibghat u jcempel lil Alison Gomez Blanco u Geordie Debono, kien jghajjat lilha.

**Geordie Debono** jispjega li xi Mejju 2014 huwa beda jircievi xi messaggi anonimi fuq il-mobile tieghu, fejn beda jircievi xi tghajjir. Dak iz-zmien, huwa ma tax kaz. Geordie Debono sar jaf li anke Alison Gomez Blanco bdiet tircievi xi messaggi anonimi fejn anke ssemmiet it-tifla taghha. Hemmhekk, Geordie Debono qalilha sabiex imorru jirraportaw l-Ghassa tal-Hamrun. Geordie Debono jikkonferma li huwa mar jghamel ir-rapport l-Ghassa tal-Pulizija ghaliex dahlet fl-istorja tifla minuri, izda hu m'ghandu xejn kontra ommu l-imputata Mariella Debono u anzi lest li jahfrilha.

In kontro-ezami, Geordie Debono jispjega li fil-bidu tas-sena 2014 huwa telaq mid-dar tal-genituri tieghu u f'dak iz-zmien kien diga' jaf lil Alison Gomez Blanco stante li kien jghallem lit-tifla taghha, il-kant. Jispjega li omm Geordie Debono kienet taf lil Alison Gomez Blanco l-ewwel, u tramite ommu, sar jafha hu. Ftit wara li telaq mid-dar tal-genituri tieghu, Alison Gomez Blanco ssuggeriet lil Geordie Debono biex jorganizzaw kompetizzjoni tal-kant flimkien. Stante li ma bdewx jaqblu fix-xoghol taghhom, Geordie Debono u Alison Gomez Blanco ddecidew li kulhadd imur ghal triqtu. Geordie Debono sar jaf li t-tifla ta' Alison Gomez Blanco kienet qed tiehu xi lezzjonijiet ta' kant minghand persuna li kien jahdem mill-istess premises li kien ikun fihom Geordie Debono, u ghalhekk ma xtaqx li Alison tibda' tidhol f'dawn il-premises. Meta kien se jkun hemm kompetizzjoni tal-kant, Geordie Debono xtaq itella' kumment fuq facebook biex jawgura lit-tfal u skopra li t-tifla ta' Alison Gomez Blanco bblokkjatu. Jikkonferma li sakemm kien jghix ghand ommu, hu kien jiehu hsieb l-affarijiet tal-mobiles ta' ommu. Jikkonferma li kien hemm xi dizgwid bejn Mariella Pace Axiak u Alison Gomez Blanco.

**Alison Gomez Blanco** tispjega li fil-5 jew 6 t'Ottubru, 2014 hija rceviet l-ewwel messaggi anonimi. F'wiehed mill-messaggi li rceviet, fil-messagg kien hemm miktub "kulhadd ghandu daru tal-hgieg" u dan il-messagg, Alison Gomez Blanco bghatitu lil Geordie li qalilha li dik hija frazi li kienet tghid hafna ommu. Tispjega li l-kontenut tal-

messaggi kien wiehed ta' tghajjir u anke ssemmiet it-tifla ta' Alison Gomez Blanco. Tikkonferma li Geordie Debono kien il-vocal coach tat-tifla taghha. Kull meta Alison Gomez Blanco rceviet messagg, hija kienet tmur l-Ghassa tirraporta.

In kontro-ezami, Alison Gomez Blanco tghid li f'certu attivitajiet li kienu jigu organizzata, hi kienet tinzerta fl-istess post fejn kienet tkun Mariella Pace Axiak. Kien hemm okkazzjoni fejn Mariella Pace Axiak ikkummentat ma' xi hbieb ta' Alison Gomez Blanco fuq il-fatt li t-tifla ta' Alison Gomez Blanco ghandha l-kundizzjoni tad-dijabete, type 1. Meta saret taf b'dan, Alison Gomez Blanco tefghet kumment fuq facebook b'referenza ghal kummenti ta' Mariella Pace Axiak u ftit zmien wara, cemplulha l-Pulizija mill-Ghassa ta' Birkirkara stante li kien hemm rapport fil-konfront ta' Alison Gomez Blanco.

**WPS 224 Suzanne Mifsud** tispjega li fis-6 t'Ottubru, 2014 ghal xi 9:55 a.m., dahlet Alison Gomez Blanco flimkien ma' Geordie Debono gewwa l-Ghassa sabiex jirraportaw li fil-5 t'Ottubru, 2014 ghal habta tas-7:30 p.m. Alison kienet irceviet messagg anonimu fejn giet mghajra ndannata. Il-pulizija kelmet anke lil Geordie Debono fejn irrapporta li fix-xahar ta' Mejju tas-sena 2014 kien ircievi xi messaggi wkoll b'mod anonimu, izda dawn il-messaggi thassrulu minhabba li kellu xi hsara fil-mobile tieghu. Fl-10 ta' Novembru, 2014, WPS 224 Suzanne Mifsud kellha taggorna r-rapport stante li Geordie Debono mar jirraporta li fit-8 ta' Novembru, 2014 ghal habta ta' 11:58 p.m. kien ircieva messagg fejn saqsewh ghala ma ghadux jghix li l-Living huwa stazzjon fallut.

**Anthony Bonnici** jahdem bhala data track co-ordinator mas-socjeta' GO plc u spjega li ntalab sabiex jivverifika jekk il-mobile minn liema kienu qed jintbghatu l-messaggi kienx registrat, izda n-numru tal-mobile ma kienx irregistrat mal-GO plc. Mir-ricerka li ghamel, intbghatu messaggi u mhux telefonati.

**Emily Abela** tahdem bhala legal counsel mal-Melita plc fejn tispjega li l-Melita gew mitluba sabiex iqabblu l-Ime number ma' numru rregistrat mal-Melita, liema numru jappartjeni lil Mariella Pace Axiaq.

**Marisa Gauci** tahdem bhala data records Administrator mal-Vodafone u tispjega li registration details u call profiles li kellha tivverifika, kienu jghajtu lil Alison Gomez liema call profile jibda mnn Novembru 2014 sal-21 ta' Marzu, 2015.

**Mariella Debono** tispjega li n-numru tal-mobile taghha ilha tuzah xi ghaxar snin, izda kellha numru ta' mobile iehor li kienet ilha kwazi ghaxar snin ma tuzah. Hija pprezentat booking form li kien ilu jintuza minnha u mit-tifel taghha Geordie Debono sa mis-sena 2009 u n-numru tal-mobile li kien hemm indikat fuqu kien l-istess wiehed li ilha tuza ghal ghaxar snin. Dak inhar li cemplilha l-Ispettur biex jara x'mobiles kellha, hi kellha tibghat lir-ragel taghha biz-zewg mobiles li kellha li huma tal-ghamla Nokia, stante li waqghet it-tarag u qatghet il-ligaments. Gara, li meta kienet kwieta, rrejalizzat li kellha mobile iehor l-ufficju tal-ghamla Nokia pero' meta marret biex tfittex dan il-mobile, ma sabitux. Mariella Debono spjegat li damet tlett xhur tipprova taqbad l-Ispettur biex tinfurmah bit-tielet mobile li ma setax jinstab. Fis-sena 2014, fir-residenza ta' Mariella Debono kienu jghixu hi, ir-ragel taghha u t-tifla taghha Geordie. Fl-10 ta' Jannar, 2014, Geordie Debono telaq mid-dar minhabba xi dizgwid li kellu ma' ommu. Mariella Debono tispjega illi Alison Gomez Blanco kienet l-iktar habiba taghha. L-imputata kellha l-exclussivity ta' hafna mill-festivals barra minn Malta li dan kien ifisser li sabiex kantant jew kantanta jippartecipaw fil-festivals barra minn Malta, iridu jghaddu minn taht idejn Mariella Debono. Tispjega li lit-tifel taghha Geordie Debono tatu rwol fl-organizzazzjoni ta' dawn il-festivals. Gara li kien hemm festival "Ti Amo" gewwa r-Rumanija u l-vici president tal-festival gharfet lil Mariella Debono li kien hemm tifla bl-isem ta' Eliana Camilleri li xtaqitha tismaghha. Fil-fatt, Mariella Debono semghetha tkanta u ghogbitha, tant li r-ragel ta' Mariella Debono beda jiktbilha kanzunetta. Peress li f'dawn il-festivals kien hemm xi tahwid bl-ismijiet ta' Eliana Camilleri u kantanta ohra, Mariella Debono ssuggeriet lil Alison Gomez Blanco sabiex bhala stagename, tbiddel isem Eliana Camilleri ghal Eliana Gomez Blanco sabiex jigi evitat it-tahwid. Inoltre ssuggeriet li Eliana Camilleri titghallem ghand ghalliem li ssuggerietu Mariella Debono, izda ghal kanzunetta li kien qed jikteb ir-ragel taghha, xtaqet li t-tifla titghallem taht Geordie Debono. Mariella Debono tispjega li r-relazzjoni ta' bejnha u bejn Alison Gomez Blanco kienet wahda intima, tant li anke kienet tkun mistiedna fuq il-cabin cruiser ta' Alison Gomez Blanco. Id-dizgwid bejniethom beda meta t-tifel ta' Mariella Debono, Geordie Debono kellu festival internazzjonali u ppretendiet li Alison Gomez Blanco kellha tmur taghti s-support taghha, izda dak inhar, Alison Gomez Blanco kellha t-tifla li kienet se tippartecipa f'festival internazzjonali iehor u ghalhekk ma marritx taghti s-support taghha lil Geordie Debono. Tispjega li gewwa l-Izvizzerra, Mariella Debono kienet se tkun parti mill-gurija, u waqt ir-

rehearsels rat lil Eliana Camilleri tkanta u kienet fi stat tajjeb. X'gara wara l-kwinti, Mariella Debono ma tafx. Ir-relazzjoni ta' bejn Geordie Debono u Alison Gomez Blanco kienet wahda tajba wkoll, tant li kien jghidilha "oht" u Mariella Debono kienet tghidlu li kien iweggaghha b'dik il-kelma stante li hi minn dejjem xtaqet tifla. Xi erba' xhur wara li telaq mid-dar Geordie Debono, Mariella Debono kienet qed tkellem lil Alison Gomez Blanco fejn din tal-ahhar qalet certu kliem li Mariella Debono hasset li kellha tibblokkjaha minn fuq facebook. Fost dawn il-kliem, Alison Gomez Blanco qalet li id Alla hija twila ghax hadilha lil binha, u hawnhekk Mariella Debono ndunat li Alison Gomez Blanco kellha x'taqsam mal-fatt li telaq mid-dar Geordie Debono. Inoltre tghid li Alison Gomez Blanco bdiet titfa' kummenti dispreggjattivi fuq facebook fil-konfront ta' Mariella Debono u ghalhekk marret tghamel rapport l-Ghassa. Tikkonferma li fejn tidhol teknologija, Mariella Debono m'hijiex persuna ntiza u sakemm Geordie Debono kien ghadu jghix id-dar, hu kien jiehu hsieb dawn l-affarijiet. Meta kien ikollha problema fuq il-laptop, kienet iccempel lil Geordie u hu mill-appartament ta' isfel kien ikollu access ghal laptop ta' ommu u kien jirrangalha l-problema hu. Tichad li qatt cemplet jew bghatet xi messaggi lil Alison Gomez Blanco.

**George Debono** jghid li hu huwa r-ragel ta' Mariella Debono u Geordie Debono huwa t-tifel taghhom. Jispjega li jaf lil Alison Gomez Blanco ghax it-tifla taghha kienet studenta ta' Geordie Debono u gieli kien ikun mistieden ma' martu fuq il-cabin cruiser ta' missier ir-ragel taghha. Jghid li l-hbiberija ta' bejniethom damet xi erba' snin u li llum il-gurnata ma ghadhomx jitkellmu. Jghid li fl-2014 Geordie Debono telaq mid-dar u jispjega li Alison Gomez Blanco kienet kompliet titfa' n-nar sabiex Geordie Deboni jitlaq mid-dar. Jikkonferma li Alison Gomez Blanco bdiet titfa' certu kummenti fil-konfront ta' Mariella Debono fuq facebook u li Mariella Debono sahansitra ghamlet rapport l-Ghassa. Is-surgent tal-Ghassa tal-Pulizija ta' Birkirkara bghatet ghal Alison Gomez Blanco fejn din qaltilhom li mhux se terga' tikteb kummenti fuq facebook u li kienet se tghid lil Geordie Debono biex ma jiktibx lanqas. Jikkonferma li Mariella Debono ma tifhem assolutament xejn fil-mobiles, laptops jew affarijiet relatati ma teknologija u li kien jiehu hsieb kollox Geordie Debono.

Semghet it-trattazzjoni tad-Difiza.

**Ikkunsidrat:**

Il-fatti ta' dan il-kaz jirrigwarda messaggi mibghuta lil Alison Gomez Blanco u Geordie Debono f'perijodu ta' bejn Ottubru tas-sena 2014 u Marzu 2015. Illi mill-investigazzjoni tal-Pulizija hareg li n-numru li kien qieghed jibghat dawn il-messaggi kien 79245343. Illi mill-informazzjoni migbura hareg li l-IMEI tal-Mobile li kienu qieghdin joriginaw dawn il-messaggi kien 35629701517587. Illi dan in-numru kien tat-tip pre-paid u ma kienx irregistrat fuq hadd. Irrizulta wkoll minn dak li hareg mid-dokument esebit a fol 34, dok RV 5, li l-istess IMEI kien abbinnat ma' numru tal-mobile iehor li kien registrat fuq l-imputata Mariella Debono.

Illi mir-rapporti li saru mal-Pulizija u cioe' f'dak li hemm a fol 3, fl-affidavit ta' WPC 206 saret referenza ghal diversi messagi li Alison Gomez Blanco kienet irceviet bejn Novembru 2014 u Marzu 2015. Dan ir-rapport kien sar f'Awwissu 2015, fejn l-ewwel messagg li hemm referenza ghalih kienet ircevietu fid-9 ta' Novembru 2014. Illi dawn il-messaggi gew ikkupjati minn fuq il-mobile tal-istess Alison Gomez Blanco. Illi wkoll minn rapport tal-Pulizija (dok RV 2, a fol 21) bid-data tar-rapport tas-6 t'Ottubru 2014 kien sehh rapport iehor fejn l-istess numru 79245343 kien baghat messagg lill-istess Alison Gomez Blanco. Geordie Debono kien stqarr ukoll li kien ircieva messagg ukoll mill-istess numru. Illi minn diversi service providers provdew informazzjoni ta' uzu ta' dan in-numru 79245343 lejn numri ohrajn inkluz lejn dak ta' Alison Gomez Blanco kif ukoll ta' Geordie Debono.

**Provi**

Illi l-unika prova li tresqet dwar dan in-numru li kien qieghed jintuza sabiex jintbghatu messagg u jaghti xefaq ta' dawl min seta' kien, lejn l-allegat vittmi kienet informazzjoni li nghatat mill-kumpanija Melita plc. Illi kif diga nghad hawn fuq li l-informazzjoni li harget kienet li n-numru tal-IMEI 35629701517587 li huwa l-mobile li kien qieghed jintuza sabiex jintbghatu l-messaggi kien gie abbinat ukoll ma' sim card bin-numru tal-mobile 77449653 li kien registrat fuq l-imputata. Illi dan ifisser li l-istess mobile kien intuza sabiex jintbghatu l-messaggi kif ukoll kienet tpoggiet sim card ohra fih registrata fuq l-istess imputata.

Illi mix-xiehda mghotija mill-ufficjali tal-Pulizija ma semmew xejn rigward tfittxija li saret sabiex jinstab dan il-mobile li kellu dan l-IMEI number. Illi wkoll jigi nnutat li

lanqas ma gew prezentati mobiles tal-istess allegat vittmi dwar il-messaggi li rcevew huma fuq in-numri taghhom. L-unika referenza li hemm huwa mill-affidavit tal-istess WPC 206 fejn qalet li kienet rat dawn il-messaggi. Illi ghalhekk din il-prova minn naha tal-prosekuzzjoni ma tresqietx quddiem din il-Qorti u lanqas ma saret talba sabiex isiru analizi ta' dawn il-mobiles li jappartjenu lill-istess allegat vittmi.

Illi mill-istess informazzjoni miksuba mis-service provider u dan skont ma' hemm fid-dokument li jinsab a fol 50, jindika li l-ahhar darba li kien intuza mill-imputata kien sat-8 ta' Frar 2014. Illi mill-akkuzi li hemm fil-konfront tal-imputata hemm referenza ghal dak li sehh bejn Ottubru 2014 u Marzu 2015 u cioe' ferm wara li s-sim card registrata tal-imputata kien abbinat mal-istess IMEI tal-mobile li kienu allegatament qieghdin jintbghatu l-messaggi. Illi jidher li mid-9 ta' Frar 2014 dan il-mobile number 77449653 li kien registrat fuq l-imputata ma baqax aktar abbinat ma' dan il-mobile u dan qieghed jinghad li ma ngiebet ebda prova prova li tindika li baqa' jintuza. Illi pero dan l-istess numru 77449653 li kien abbinat mal-IMEI number 35629701517587 li minnu kienu qieghdin jintbaghtu messaggi, deher ukoll li mill-14 ta' Mejju 2015 in-numru tal-mobile li kien registrat fuq l-imputata issa gie registrat fuq ir-ragel tal-imputata. Illi pero f'dan il-kaz mill-provi mressqa ma jidhirx li dan in-numru baqa' fuq l-istess mobile phone minhabba l-fatt li anki hawn il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq tali prova. Illi fil-fatt (a fol 51) ma hemm ebda indikazzjoni li wara t-9 ta' Frar 2014 dan il-mobile phone baqa' jintuza jew abbinat mal-imputata jew mar-ragel taghha George Debono.

Illi minn diversi dokumenti li gew esebiti mill-istess Ufficjal Prosekutur (a fol 14 et seq) johrog li l-istess IMEI number kien qieghed jintuza wara d-data tat-8 ta' Frar 2014 u cioe' sa Marzu 2015. Illi pero kien qieghed jintuza b'numru iehor li ma kienx registrat mill-liema numru kienu qieghdin jintbghatu l-messaggi. Illi ta' min jghid li n-numru tac-cellulari bin-numru 77449653 ma ngiebet ebda prova mill-liema IMEI kien qieghed jintuza jekk hux mill-istess wiehed indikat fl-investigazzjoni jew le. Illi ghalkemm dan l-IMEI ta' mobile phone kien abbinat ma' numru li kien registrat mal-imputat, din il-Qorti mhiex konvinta li jekk fil-fatt kienx f'idejn l-istess imputata meta twahlet sim card gdida fih. Ma tresqet ebda prova li kienet l-istess imputata li baghtet messaggi lejn Alison Gomez Blanco u lejn Geordie Debono. L-unika IMEI li ngieb bhala prova

dokumentarja kien fuq numru iehor li ma kienx abbinat mal-IMEI indikat fl-investigazzjoni tal-Pulizija.

Illi fil-fatt meta xehed l-istess Emily Abela fis-seduta tas-16 t'Ottubru 2017 ikkonferma dak li huma ghamlu u mir-ricerka li ghamlu sabu li l-IMEI number involut fil-messaggi mibghuta lill-allegat vittmi kien abbinat ukoll ma' numru cellular tal-imputata pero dan qabel ma kienu qieghdin jintbghatu l-messaggi. Gie kkonfermat mid-dokument esebiti a fol 50 u 51, illi dan in-numru li kien gie registrat fuq l-imputata gie trasferit fuq ir-ragel taghha. Illi kif ingahd hawn fuq ma ngiebet ebda prova fuq liema IMEI number dan in-numru registrat fuq ir-ragel tal-imputata kien abbinat. Illi ghalhekk ma hemm ebda indikazzjoni ghand min ghadda dan il-mobile. Illi dak li huwa cert li dan l-IMEI partikolari abbinat ma' mobile phone baqa' jintuza b'sim card li ma kenitx registrata fuq hadd.

**Ikkunsidrat**

Illi skont il-ligi procedurali nostrana, kull qorti, u partikolarment Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li tista' ggib parti. Illi jinghad li l-Artikolu 638(1) tal-Kodiċi Kriminali jghid bl-aktar mod skjett li "*Bhala regola, ghandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar shiha u sodisfaċenti illi l-każ ikun jaghti, u li ma jithalla barra ebda xhud li x-xiehda tieghu tkun importanti*". Illi tenut kont ta' dawn ir-**regoli tassattivi ta' procedura penali**, jinghad li fil-kaz biex jigi sodisfatt dan il-principju "*il-principju kardinali tal-kamp kriminali li sabiex ikun hemm sejbien ta' htija il-Prosekuzzjoni trid necessarjament iggib u tipprezenta l-aqwa prova li jkollha fil-pussess taghha. Tant hu hekk illi l-prosekuzzjoni tentuta tipprezenta kull prova kemm dik favur u kemm kontra*" [***Pulizija (Spettur Pierre Grech) v Antoine Agius***.

Illi fuq ir-regola tal-ahjar prova ssir referenza ghall-insenjament tal- Professur Mamo, fejn dan jghid hekk:

> '*The main object of the rules of evidence is to secure, so far as it can be secured, that the evidence given in a judicial proceeding shall be true, and for that reason they* ***require that the best evidence procurable of the matter in dispute shall be given*** *and in a manner which will best ensure the object in view....* ***The rule as to the production of the best evidence is***

> ***rigid**, and the mind of the Court is alert to discover, when evidence of an alleged fact is tendered, whether it is not within the power of the person tendering it to produce better evidence of the same fact, and **if the court is satisfied that better evidence can be produced it will insist upon the production thereof**...In the **unavoidable** absence of the best or primary evidence, the Court will accept what is known as secondary evidence. Secondary evidence is evidence which suggests on the face of it that other and better evidence exists. It follows that **it will never be received until the party tendering it proves what it is out of his power to obtain other evidence**...';*

Aktar minn hekk il-**Profs Mamo** jishaq li huwa biss jekk u wara li l-Qorti tkun konvinta li l-ahjar evidenza ma setghetx tingieb, li l-Prosekuzzjoni tinghata l-fakulta' li ġġib evidenza ta' natura sekondarja.

Illi minn dak li ntqal hawn fuq din il-Qorti tara li ghalkemm in-numru tal-IMEI kien abbinat ma' numru tal-mobile li jappartjeni lill-imputata, pero' ma jistax jinghad li n-numru li kien qieghed jintuza sabiex jintbghatu messaggi kien registrat fuq l-imputata jew inkella li kienet hi li qieghda tibghat il-messaggi hi minn fuq dan ic-cellulari. Illi fil-fatt il-prosekuzzjoni naqset li ggieb dik il-prova diretta li kienet l-istess imputata li qieghda tibghat dawn il-messaggi. Li huwa car li dan l-IMEI kien abbinat ma' numru tal-imputata izda ma jistax jinghad li n-numru l-gdid li minnhu hargu l-messaggi li issa kien abbinat mal-istess IMEI kien jappartjeni lill-imputata. Hareg ukoll li l-istess numru li kien irregistrat fuq l-imputat dar fuq ir-ragel taghha izda prova fuq liema IMEI number kien qieghed jintuza ma tresqitx. Illi ghalkemm il-prova hija cara li l-istess IMEI number u cioe' l-istess mobile phone kien intuza mill-imputata ghalija stess u dak bin-numru gdid li kien qieghed jintuza sabiex jintbghatu l-messaggi, wiehed ma' jistax jghid minghajr ombra ta' dubbju li kienet l-istess imputata li baghtet dawn il-messaggi. Illi ghalhekk din il-Qorti ma sibx hatja lill-imputat tal-ewwel akkuza.

**It-Tieni u t-Tielet Akkuza**

Illi dawn iz-zewg akkuzi huma marbuta mal-ewwel akkuza u ghalhekk minhabba l-fatt li l-Qorti ma sabitx htija fuq l-ewwel imputazzjoni kontra l-imputata, illi ghalhekk mhux qieghda ssib htija wkoll tat-tieni u t-tielet imputazzjoni u minnhom tillibera.

**Decide**

**Ghaldaqstant wara li din il-Qorti rat l-artikoli 49 tal-Kap 399, l-artikoli 251A u 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tillibera lill-imputata Mariella Debono minn kull akkuza stante li ma giex ippruvat il-kaz kontra taghha.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**